

Brussell, 15 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15851/25

CONOP 79
COARM 199
CFSP/PESC 1708

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 15 ta' Diċembru 2025

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2026 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħdax-il Konferenza ta' Reviżjoni tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fl-4145 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Diċembru 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL GĦALL-KONFERENZA TA' REVIŻJONI TAL-2026 TAL-PARTIJIET GĦAT-TRATTAT DWAR IN-NONPROLIFERAZZJONI TAL-ARMI NUKLEARI (TNP)

1. Bħala parti mill-impenn sod tiegħu għal multilateraliżmu effettiv u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, il-Kunsill itenni l-appoġġ sod tiegħu għas-salvagwardja u t-tiżni tal-arkitettura tad-diżarm nukleari, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. L-Unjoni Ewropea (UE) ser tkompli taħdem lejn **Konferenza ta' Reviżjoni tal-2026 tat-TNP ta' suċċess**, kif għamlet matul dan iċ-ċiklu.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-**appoġġ inekwivoku tiegħu għat-TNP** bħala s-sisien tar-reġim globali ta' nonproliferazzjoni nukleari, il-pedament essenzjali biex jinkiseb id-diżarm nukleari f'konformità mal-Artikolu VI tiegħu, u element importanti fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi skont l-Artikolu IV tiegħu. Huwa kruċjali għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-**valur tat-TNP u l-kisbiet storiċi tiegħu**. Għal aktar minn ħames deċennji huwa pprovda benefiċċji ta' sigurtà lill-Istati Partijiet kollha. It-TNP fih obbligu legalment vinkolanti lejn id-diżarm nukleari u ppermetta tnaqqis sinifikanti fil-ħażniet ta' armi nukleari mill-aġar perjodi tal-Gwerra Bierda, witta t-triq għal ċerti Stati biex jirrinunzjaw l-armi nukleari, u rażżan il-proliferazzjoni nukleari. It-Trattat huwa l-bażi għas-sistema ta' salvagwardji nukleari tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA). Huwa kellu rwol ċentrali fl-iżvilupp, ir-riċerka, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi, u ffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.

4. It-Trattat qed jiffaċċa **sfidi notevoli**, inkluż tensjonijiet dejjem akbar u żieda mill-ġdid fir-retorika nukleari, kif jixhdu l-azzjonijiet tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha mhux ġustifikata u illegali fuq skala sħiħa kontra l-Ukrajna, b'Moska tipprijoritizza l-isforz tal-gwerra tagħha fuq l-obbligi u l-impenji tagħha ta' nonproliferazzjoni u diżarm. Il-kriżijiet ta' proliferazzjoni reġjonali li għaddejjin bħalissa, l-espansjoni rapida u opaka taċ-Ċina tal-ħażna nukleari tagħha, u implimentazzjoni mhux uniformi tal-obbligi u l-impenji, jikkontribwixxu wkoll għal din is-sitwazzjoni kumplessa.

5. Il-Kunsill jinnota l-**konsegwenzi severi ħafna marbuta mal-użu tal-armi nukleari** u jenfasizza li l-Istati kollha għandhom ir-responsabbiltà li jevitaw li jiġri dan. F'dan ir-rigward, huwa jfakkar fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Mexxejja ta' Ħames Stati li għandhom Armi Nukleari dwar il-Prevenzjoni tal-Gwerra Nukleari u l-Evitar tat-Tlielaq tal-Armi, inkluż il-prinċipju li "**gwerra nukleari ma tistax tintrebaħ u qatt ma għandha tiġi miġġielda**", li s-sħubija usa' tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) impenjat ruħha għaliha permezz tal-Patt għall-Futur.

6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-**universalizzazzjoni tat-TNP** u jappella lill-Istati kollha li għandhom ma nġhaqdux, b'mod partikolari l-Indja, Iżrael u l-Pakistan, biex jagħmlu dan bħala Stati li ma għandhomx armi nukleari u biex, sal-adeżjoni tagħhom, iżommu mat-termini tiegħu.

7. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għat-**tliet pilastr** kollha **tat-TNP li jsaħħu lil xulxin** u għal **implimentazzjoni** komprensiva, ibbilanċjata u sħiħa tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-Konferenza tat-TNP fl-2010**. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu implimentati **l-obbligi kollha skont it-TNP**, u **l-impenji meħuda waqt Konferenzi ta' Reviżjoni preċedenti**, inkluż il-ħtieġa għal progress konkret lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu VI, bl-għan aħħari jkun l-eliminazzjoni totali tal-armi nukleari.

8. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar f'dan iċ-ċiklu biex jiġu identifikati miżuri biex **jissaħħaħ il-proċess ta' reviżjoni tat-TNP**. L-UE impenjat ruħha b'mod kostruttiv¹ u ser taħdem b'mod attiv lejn deċiżjoni f'dan ir-rigward fil-Konferenza ta' Reviżjoni, bħala riżultat ċentrali. F'dan ir-rigward, id-*Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/646 tas-27 ta' Marzu 2025 b'appoġġ għall-faċilitazzjoni tal-eżitu ta' suċċess tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2026 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari* għandha l-għan li ttejjeb l-inklużività fiċ-ċiklu.
9. Il-Kunsill huwa impenjat li **jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà**. L-UE tappoġġa l-istabbiliment ta' proċess fiċ-ċiklu għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-obbligi u l-impenji tat-TNP mill-Istati Parti, speċjalment mill-Istati kollha li għandhom armi nukleari, fit-tliet pilastri kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi tal-Artikolu VI. Hija tiffavorixxi wkoll aktar titjib kwalitattiv fir-rappurtar, filwaqt li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ulterjuri ta' proposti preċedenti, inkluż mudelli standardizzati, b'kont meħud tal-mudell tal-2013 minn Stati li għandhom armi nukleari u l-aħjar Prattiki Żviluppata minn dak iż-żmien 'l hawn, u filwaqt li tirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' mudell standardizzat għar-rapporti nazzjonali minn Stati li ma għandhomx armi nukleari jista' jstimula żieda fis-sottomissjonijiet.²

¹ [A stronger review process for a stronger NPT – European Union proposals for the Working Group on strengthening the NPT review process and ahead of the First Preparatory Committee of the 11th NPT Review Conference](#), dokument ta' hidma ppreżentat mill-UE qabel il-grupp ta' hidma dwar it-tishih ulterjuri tal-proċess ta' reviżjoni (Vjenna, 24-28 ta' Lulju 2023).

² L-aħħar kontribut tal-UE f'dan ir-rigward huwa [A path towards enhanced transparency and accountability within the NPT review proċess](#), dokument ta' ħidma ppreżentat mill-UE qabel it-tielet sessjoni tal-Kumitat Preparatorju għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2026 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (New York, 28 ta' April - 9 ta' Mejju 2025).

10. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Partijiet għat-TNP biex jaħdmu lejn parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa fid-diżarm u n-nonproliferazzjoni nukleari. Huwa jissottolinja wkoll **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet** bħala prijorità trasversali importanti għall-UE, u l-importanza li tiġi integrata perspettiva tal-ġeneru fid-diskussjonijiet fil-pilastri kollha. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu għall-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż billi jappoġġa u jippromwovi l-parteeipazzjoni u t-tmexxija ugwali tan-nisa u l-irġiel fin-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għall-**edukazzjoni dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni**, li l-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm jikkontribwixxi għaliha permezz tal-attivitajiet tiegħu, u għall-parteeipazzjoni taż-żgħażaġħ fid-diżarm u n-nonproliferazzjoni nukleari.

PILASTRU I – DIŻARM

11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li **jmexxi 'l quddiem id-diżarm nukleari**, skont l-Artikolu VI tat-TNP, speċjalment permezz tat-tnaqqis ġenerali fil-ħażniet globali tal-armi nukleari, u waqt li jqis ir-**responsabbiltà speċjali tal-Istati li għandhom armi nukleari** sidien tal-akbar ħażniet nukleari.

12. Filwaqt li jfakkar fl-obbligi tal-Istati kollha li għandhom armi nukleari li jirriżultaw mill-Artikolu VI tat-TNP, il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu għal **aktar tnaqqis tal-ħażniet nukleari** u, filwaqt li jissottolinja r-responsabbiltà speċjali tal-Istati bl-akbar ħażniet nukleari, ihegġegħ bil-qawwa li jippruvaw ikomplu jnaqqsu l-ħażniet nukleari tagħhom, inkluż armi nukleari strateġiċi u mhux strateġiċi, kif ukoll dawk skjerati u mhux skjerati. Il-Kunsill jilqa' l-offerti ripetuti ta' djalogu li saru f'dan ir-rigward mill-Istati Uniti, ihegġegħ lir-**Russja** biex timpenja ruħha b'mod sinifikattiv, u jappella liċ-**Ċina** biex tikkontribwixxi u tinvolvi ruħha b'mod attiv u kostruttiv. Il-Kunsill jikkundanna l-allegata sospensjoni tat-**Trattat START Ġdid** mir-Russja, ihegġegħ lir-Russja biex immedjatament terġa' lura għall-konformità u tissodisfa l-obbligi kollha tagħha, u jappella għal ħidma urġenti lejn **ftehim suċċessur**. Jekk it-Trattat START Ġdid jiskadi qabel ma jkun jista' jiġi konkluż tali ftehim suċċessur, l-UE thegġegħ lill-Istati Uniti u lir-Russja biex iżommu l-limiti miftiehma fuq il-ħażniet nukleari tagħhom.

13. Il-Kunsill jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli **l-azzjonijiet tar-Russja, ir-retorika nukleari tagħha u t-theddid tagħha li tuża l-forza nukleari** fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li huma irresponsabbli, provokattivi, perikolużi u eskalatorji. L-aħħar aġġornament tad-duttrina nukleari tar-Russja, immirata l-aktar lejn il-koerċizzjoni u l-iskoraġġiment ta' aktar appoġġ lill-Ukrajna, ma għadux jinkludi "konformità mal-obbligi internazzjonali tal-kontroll tal-armi" fost il-prinċipji tal-politika ta' deterrenza tar-Russja. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar **l-iskjerament** imħabbar mir-Russja **ta' armi nukleari fit-territorju tal-Belarussja**. Huwa jfakkar l-impenn tal-Belarussja skont il-Memorandum ta' Budapest "li telimina l-armi nukleari kollha mit-territorju [tagħha]" u jappella liż-żewġ pajjiżi biex ireġġgħu lura din id-deċizzjoni. Il-Kunsill jopponi kategorikament l-iżvilupp u l-iskjerament ta' armi nukleari u kull tip ieħor ta' armi ta' qerda massiva fl-**ispazju extratmosferiku**. L-iskjerament ta' tali armi jikkostitwixxi ksur serju u estensiv tad-dritt internazzjonali, inkluż it-Trattat dwar l-ispazju Ekstratmosferiku.
14. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar **l-espansjoni rapida u opaka taċ-Ċina tal-ħażniet nukleari tagħha**, li hija inkonsistenti mal-impemji tagħha ta' diżarm skont it-TNP. In-nuqqas ta' trasparenza tagħha dwar id-duttrina, il-politiki u l-ħażniet li qed jespandu tagħha jqajjem dubji serji dwar il-kredibbiltà tal-politika tagħha li ma tkunx hi li tuża l-armi nukleari għall-ewwel darba ("**No First Use**"), u jqajjem nuqqas ta' fiduċja. Inħeġġu liċ-Ċina, li għandha t-tielet l-akbar ħażna nukleari fid-dinja u li hija Stat li għandu armi nukleari taħt it-TNP, biex tinvolvi ruħha fit-tnaqqis tar-riskju u l-kontroll tal-armi, inkluż billi ssaħħaħ it-trasparenza, tistabbilixxi linji ta' komunikazzjoni meħtieġa biex tipprevjeni perċezzjonijiet żbaljati, u tiċċara l-oġġettivi strateġiċi tagħha.
15. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati li għandhom armi nukleari biex ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-**bini tal-fiduċja, it-trasparenza, it-tnaqqis tar-riskju u l-verifika**, filwaqt li jwittu t-triq għan-negożjar ta' ftehimiet u rappurtar futuri robusti dwar il-kontroll tal-armi. Filwaqt li mhuwiex sostitut għad-diżarm nukleari, it-tnaqqis tar-riskju jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-gwerra nukleari, jista' jkollu rwol ewlieni fil-ħolqien tal-fiduċja, il-kunfidenza u l-prevedibbiltà, u jikkomplementa l-isforzi tad-diżarm u tal-kontroll tal-armi. Għalhekk, għandhom jiġu segwiti miżuri konkreti għat-tnaqqis tar-riskju, inkluż miżuri biex **jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt nukleari**.

16. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa **l-aderenza universali għat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) u d-dħul fis-seħħ tiegħu**, u jħeġġeġ lill-Istati kollha li għadhom ma għamlux dan, b'mod partikolari dawk fl-Anness 2, biex jiffirmawh u jirratifikawh mingħajr prekundizzjoni jew dewmien. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jirrispetta u jsaħħaħ in-norma kontra l-ittestjar nukleari. Huwa jappella wkoll lill-Istati kollha biex jirrispettaw **il-moratorju eżistenti fuq splużjonijiet ta' ttestjar ta' armi nukleari** jew kwalunkwe splużjoni nukleari oħra, u biex joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tmur kontra l-għan u l-iskop tat-Trattat. Kwalunkwe test ta' armi nukleari splussivi minn kwalunkwe Stat ikun ta' ħsara u destabilizzanti għall-isforzi globali ta' nonproliferazzjoni u għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Huwa jappella lir-**Russja biex treġġa' lura d-deċiżjoni bla preċedent tagħha li tirrevoka r-ratifika tagħha** tas-CTBT u, sadanittant, tirrispetta l-għan u l-iskop tas-CTBT.
17. Il-Kunsill ifaħħar l-iskjerament u t-tħaddim bikri tas-**Sistema Internazzjonali ta' Monitoraġġ (IMS) u taċ-Ċentru Internazzjonali tad-Data (IDC)** li huma fil-qalba tar-reġim robust ta' verifika tal-**Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO)**. Dan l-iskjerament qabel id-dħul fis-seħħ tas-CTBT ipprovda lill-komunità internazzjonali b'informazzjoni xjentifika u teknika affidabbli u newtrali dwar l-isplużjonijiet tat-testijiet nukleari mwettqa mill-1997 u kkostitwixxa miżura preventiva b'saħħitha kontra l-ittestjar. L-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-UE permezz ta' disa' Deċiżjonijiet konsekuttivi tal-Kunsill mill-2006,³ kif ukoll mill-Istati Membri tal-UE, wera li kien strumentali f'dan ir-rigward.
18. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għall-bidu immedjat u l-konklużjoni bikrija tan-negozjati ta' **trattat li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għall-użu f'armi nukleari jew apparat splussiv nukleari ieħor (FMCT)**. Sakemm jidħol fis-seħħ tali FMCT, il-Kunsill jappella liċ-Ċina, l-uniku Stat li għandu armi nukleari li ma għamilx dan, u lil kwalunkwe Stat ieħor ikkonċernat biex jiddikjara u jżomm **moratorju immedjat fuq il-produzzjoni ta' materjal fissili** għal armi nukleari jew apparat splussiv nukleari ieħor.

³ Attwalment, permezz tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill \(PESK\) 2023/2064 tal-25 ta' Settembru 2023 dwar appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari \(CTBTO\) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika.](#)

19. Fir-rigward tal-iżvilupp ta' **teknoloġiji emerġenti ġodda**, u b'mod partikolari l-**intelliġenza artifiċjali**, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jinżamm il-kontroll tal-bniedem fuq id-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-armi nukleari. Huwa jilqa' l-progress reċenti f'dan ir-rigward, inkluż l-impenn li sar minn Franza, l-Istati Uniti u r-Renju Unit li jżommu l-kontroll u l-involvement tal-bniedem għall-azzjonijiet kollha kritiċi biex jinfurmaw u jeżegwixxu deċiżjonijiet sovrani dwar l-impjeg tal-armi nukleari, kif ukoll impenn bilaterali f'dan ir-rigward bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina. Il-Kunsill jappella lir-Russja u Stati oħra li għandhom armi nukleari biex jagħmlu l-istess. Tali teknoloġiji jistgħu jippreżentaw ukoll opportunitajiet għal sforzi ta' kontroll tal-armi, pereżempju fir-rigward tal-verifika u l-monitoraġġ, li għandhom jiġu esplorati.
20. Filwaqt li l-verifika mhijiex għan fiha nnifisha, l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet ta' **verifika tad-diżarm nukleari** (NDV) jiffaċilita l-progress fid-diżarm nukleari. Il-Kunsill jissottolinja l-valur tal-kooperazzjoni multilaterali fl-avvanz tal-NDV, filwaqt li jtenni l-appoġġ tiegħu għas-Sħubija Internazzjonali għall-Verifika tad-Diżarm Nukleari u formati simili oħra, u jippromwovi impenn kostruttiv dwar l-istabbiliment ta' Grupp tan-NU ta' Esperti Xjentifiċi u Tekniċi dwar l-NDV.
21. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-interess leġittimu ta' Stati li ma għandhomx armi nukleari li jirċievu **assigurazzjonijiet ta' sigurtà** inekwivoki minn Stati li għandhom armi nukleari kontra l-użu jew it-theddid tal-użu ta' armi nukleari. Il-Garanziji ta' Sigurtà Negattivi huma komponenti importanti ta' arranġamenti ta' sigurtà vinkolanti u maqbula, li jsaħħu r-reġim ta' nonproliferazzjoni nukleari, jikkontribwixxu għall-bini tal-fiduċja u d-diżarm nukleari, u jsaħħu s-sigurtà reġjonali u globali. Il-Kunsill itenni l-appell qawwi tiegħu lir-Russja biex tieqaf tikser l-impenni tagħha skont il-**Memorandum ta' Budapest**.

PILASTRU II – NONPROLIFERAZZJONI

22. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa urġenti tal-**indirizzar b'mod deċiżiv tal-isfidi multipli eżistenti tal-proliferazzjoni nukleari**, sabiex jiġi ppreservat u msaħħaħ ir-rekord pożittiv tat-TNP f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jenfasizza s-**sistema ta' salvagwardji tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA)** bħala komponent fundamentali tat-TNP, kif ukoll l-importanza kbira li jagħti lill-mandat tal-IAEA u r-rwol imparzjali, indipendenti u oġġettiv tagħha.
23. Il-Kunsill ifakkar fl-implikazzjonijiet severi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja mhux ġustifikata u illegali fuq skala sħiħa għas-**salvagwardji fl-Ukrajna**, speċjalment il-ħtif illegali u l-militarizzazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia tal-Ukrajna (ZNPP). Jappella lir-Russja biex tirtira immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet miż-ZNPP tal-Ukrajna u tikkonforma mar-riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u tal-IAEA. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jirrispettaw id-dritt internazzjonali u r-rispett sħiħ għas-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonnoxxuti internazzjonalment. L-attivitajiet militari jkomplu jisfidaw l-implimentazzjoni tas-salvagwardji tal-IAEA skont il-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ukrajna. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-IAEA kompliet timplimenta salvagwardji u twettaq attivitajiet ta' verifika fuq il-post fl-Ukrajna, u jenfasizza l-importanza li hija tkun tista' tkompli tagħmel dan, f'konformità mal-Artikolu III tat-TNP u l-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi tal-Ukrajna u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu. Il-Kunsill huwa grat lejn l-IAEA għall-ħidma kollha tagħha biex tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari u jtenni l-appell tiegħu li l-IAEA tingħata aċċess sħiħ, f'waqtu u mingħajr restrizzjonijiet għall-esperti tagħha għall-postijiet, l-informazzjoni u l-persunal kollha mitluba fiż-ZNPP tal-Ukrajna.

24. L-UE minn dejjem kienet ċara li l-**Iran** qatt ma għandu jitħalla jfittex, jakkwista jew jiżviluppa arma nukleari. Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li reġgħu ddaħħlu wara t-tlestija tal-proċess ta' "treġġigħ lura" joħolqu obbligi għall-Istati Membri kollha tan-NU u ddeċidew li l-Iran għandu jissospendi diversi attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni. L-UE hija mħassba serjament dwar it-tnaqqis serju mill-Iran tal-kooperazzjoni tiegħu mal-IAEA u tappella lill-Iran biex jikkonforma b'urġenza mal-obbligi legalment vinkolanti tiegħu ta' salvagwardji nukleari skont it-TNP, u biex jerġa' jibda kooperazzjoni sħiħa mal-IAEA mingħajr aktar dewmien. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għad-diplomazija u n-negozjati bħala l-uniku mod biex tinkiseb soluzzjoni dejjiema għall-kwistjoni nukleari Iranjana. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex ikompli jappoġġa l-isforzi politiċi u diplomatiċi biex tinstab soluzzjoni negozjata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li reġgħu ddaħħlu.

25. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lir-**Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)** biex tabbanduna l-programmi tal-armi ta' qerda massiva (AQM), tal-missili ballistiċi u tal-armi nukleari eżistenti kollha tagħha b'mod sħiħ, verifikabbli u irreversibbli, kif mitlub mir-Riżoluzzjoni 2397 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa jinsisti li r-RDPK terġa' lura għal konformità sħiħa mat-TNP bħala Stat li ma għandux armi nukleari u mal-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi tiegħu, iddaħħal fis-seħħ il-Protokoll Addizzjonali, toqgħod lura milli tittestja armi nukleari u missili ballistiċi, tistabilixxi mill-ġdid l-impenji preeżistenti tagħha għal moratorju fuq l-illanċjar kollu ta' missili u testijiet nukleari, u tiffirma u tirratifika t-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT). Ir-RDPK qatt mhi ser tiġi aċċettata bħala Stat li għandu armi nukleari skont it-TNP jew ikollha xi status speċjali ieħor f'dak ir-rigward. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-RDPK biex tkun involuta f'diskussjonijiet sinifikattivi mal-partijiet rilevanti kollha biex tibni bażi għall-paċi u s-sigurtà sostenibbli u biex tiegħu passi mmirati lejn id-denuklearizzazzjoni kompleta, verifikabbli u irreversibbli tal-Peniżola Koreana.

26. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar **il-bidla inkwetanti tal-pożizzjoni tar-Russja dwar id-denuklearizzazzjoni tar-RDPK mill-2024**, li ddgħajjed l-isforzi ta' nonproliferazzjoni li ilhom għaddejjin għexieren ta' snin bi skambju għall-appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Is-sanzjonijiet kollha tan-NU stabbiliti skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jibqgħu kompletament fis-seħħ. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tat-Tim Multilaterali ta' Monitoraġġ tas-Sanzjonijiet, sakemm il-Bord ta' Esperti tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006), li r-Russja waqqfet it-tiġdid tal-mandat tiegħu permezz tad-dritt tal-veto, ikun jista' jiġi rikostitwit. Il-Kunsill jikkundanna b'mod riżolut il-kooperazzjoni militari illegali li r-Russja qed tkompli twettaq mar-RDPK, b'mod partikolari l-iskjerament ta' truppi u trasferimenti ta' armi lejn ir-Russja mir-RDPK, inkluż missili ballistiċi, bi ksur flagranti tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jappella liż-żewġ pajjiżi biex iwaqqfu immedjatament dawn l-attivitajiet, u lill-Istati kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU.
27. Il-Kunsill jappoġġa l-impenn tal-IAEA mas-**Sirja** u l-proċess li għaddej biex jiġu ċċarati kwistjonijiet pendenti ta' salvagwardji, jilqa' l-isforzi li saru s'issa u jappella lill-awtoritajiet Sirjani tranżitorji biex ikomplu jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv. Hija thegħeġ bil-qawwa lis-Sirja biex tikkonkludi u ddaħħal fis-seħħ Protokoll Addizzjonali biex terġa' tinbena l-fiduċja fin-natura paċifika tal-attivitajiet nukleari tagħha.
28. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza kritika li ż-**Żoni Ħielsa Mill-Armi Nukleari (NWFZs)** eżistenti għandhom għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jtenni l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni dwar il-Lvant Nofsani adottata fil-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-1995. Huwa jilqa' s-sitt sessjonijiet tal-Konferenza tan-NU dwar l-Istabbiliment ta' **Żona Ħielsa mill-Armi Nukleari u Armi Oħra ta' Qerda Massiva fil-Lvant Nofsani** u l-eżiti tagħhom. Il-Kunsill ifakkar li l-NWFZs jistgħu jiġu stabbiliti biss abbażi ta' arranġamenti milħuqa liberament fost l-Istati tar-reġjun ikkonċernat. L-UE thegħeġ bis-sħiħ lill-partijiet ikkonċernati kollha jinvolvu ruħhom b'urġenza f'konsultazzjonijiet sinifikattivi biex jibnu proċess inklużiv u bbażat fuq il-kunsens sabiex tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni tal-1995 dwar il-Lvant Nofsani.

29. Is-salvagwardji tal-IAEA huma komponent fundamentali tat-TNP u jgħinu biex jinħoloq ambjent li jwassal għal kooperazzjoni nukleari paċifika. Il-**Ftehimiet ta' Salvagwardji Komprensivi**, flimkien mal-**Protokoll Addizzjonali**, jikkostitwixxu l-istandard ta' verifika attwali tal-IAEA skont l-Artikolu III tat-TNP. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għall-universalizzazzjoni tagħhom mingħajr dewmien. Huwa jappella b'urġenza lill-Istati kkonċernati, speċjalment dawk li japplikaw il-verżjoni oriġinali jew li huma involuti fil-bini ta' impjanti tal-enerġija nukleari jew reatturi ta' riċerka, biex jemendaw jew jirrevokaw minnufih il-**Protokoll għal Kwantitajiet Żgħar** tagħhom.
30. **Kontrolli fuq l-esportazzjoni** effettivi huma fundamentali għall-konformità mal-obbligi ta' nonproliferazzjoni skont l-Artikolu III tat-TNP u r-riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-Kunsill jistieden lill-Istati kollha biex jaderixxu mal-linji gwida tas-sistemi multilaterali rilevanti għall-kontroll tal-esportazzjoni, inkluż il-**Kumitat Zangger** u l-**Grupp ta' Fornituri Nukleari**. Dawn is-sistemi jipprovdu linji gwida imparzjali biex jiġi żgurat li t-tħassib dwar il-proliferazzjoni jiġi indirizzat. Huma jibnu fiduċja li tikkontribwixxi għall-iffaċilitar tat-trasferimenti leġittimi tat-teknoloġija nukleari u l-għarfien xjentifiku għal użi paċifiċi, għaż-żamma ta' qafas prevedibbli u trasparenti, u kundizzjonijiet ekwivalenti definiti sew għall-kummerċ nukleari internazzjonali, u għat-tiġib tal-kummerċ u t-tkabbir ġenerali, mhux l-inqas fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
31. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar il-**proliferazzjoni ta' sistemi ta' kunsinna b'kapaċità ta' AQM** bħall-**missili ballistiċi** u t-teknoloġija relatata magħhom, ifakkar fl-appoġġ sod tiegħu għas-**Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili**, u jappella lill-Istati kollha li għadhom ma għamlux dan biex jissottoskrivu għall-**Kodiċi ta' Kondotta ta' The Hague kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi**.

PILASTRU III – UŻI PAĊIFIĊI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI

32. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għad-**dritt inaljenabbli tal-Istati Parti għat-TNP li jiżviluppaw ir-riċerka, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija u t-teknoloġija nukleari għal finijiet paċifiċi** mingħajr diskriminazzjoni u f'konformità mal-Artikoli I u II tat-Trattat, kif rifless fl-Artikolu IV tiegħu, inkluż fil-qafas tal-Programm ta' Kooperazzjoni Teknika tal-IAEA, f'konformità mal-Istatut tagħha.
33. Il-Kunsill jirrikonoxxi **l-kontribut possibbli tax-xjenza u t-teknoloġija nukleari f'oqsma bħas-saħħa tal-bniedem, l-agrikoltura, is-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel, il-ġestjoni tal-ilma, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali, jew il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali.** Dawn l-oqsma kollha huma marbuta direttament mal-Aġenda 2030 u l-IAEA għandha rwol importanti x'taqdi fiha. Il-Kunsill japprezza l-attivitajiet tal-IAEA f'dan ir-rigward, inkluż l-inizjattivi importanti mnedija mid-Direttur Ġenerali tagħha, bħal Rays of Hope, ZODIAC, NUTEC Plastics u Atoms4Food. Huwa jenfasizza wkoll t-twettiq b'suċċess fl-2024 tal-*Konferenza Ministerjali tal-IAEA dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Applikazzjonijiet Nukleari u l-Programm ta' Kooperazzjoni Teknika*, u jirrikonoxxi d-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata fiha bħala turija ta' interess dejjem akbar fl-użu tax-xjenza u t-teknoloġija nukleari għal finijiet paċifiċi.
34. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġaw attivitajiet biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni dwar l-użi paċifiċi tat-teknoloġiji nukleari u jipprovdu kompetenza teknika u għarfien Prattiku. L-Istati Membri tal-UE huma fost l-akbar donaturi għall-Programm ta' Kooperazzjoni Teknika tal-IAEA. Il-Kummissjoni Ewropea tikkontribwixxi wkoll, inkluż permezz ta' appoġġ mhux finanzjarju pprovdut miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha, kemm lill-IAEA kif ukoll permezz ta' proġetti bilaterali.

35. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u jirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita enerġetika tagħhom u li jagħżlu l-aktar teknoloġiji adatti biex kollettivament jiksbu l-mira tal-klima għall-2030 u potenzjalment itaffu l-konsegwenzi tat-**tisħin globali**. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur uniku tad-data xjentifika akkumulata mill-1996 mis-Segretarjat Tekniku Proviżorju tas-CTBTO u li saret disponibbli għal studji u skopijiet xjentifiċi, li jikkontribwixxu għall-fehim u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-kontribut kruċjali tal-istazzjonijiet tal-IMS rilevanti għaċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar it-Tsunami stabbilit fil-qafas tal-UNESCO.
36. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu għall-**ogħla standards ta' sikurezza, sigurtà u salvagwardji nukleari**, essenzjali għal żvilupp responsabbli, sikur u sigur tal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari. Il-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Euratom iggarantiet għal għexieren ta' snin il-kontrolli tal-materjali nukleari fl-Ewropa u aġixxiet bħala sieħeb affidabbli għall-IAEA fil-qasam tas-salvagwardji nukleari. Għadha pilastru ta' appoġġ essenzjali, u tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-isforzi globali ta' nonproliferazzjoni. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol ċentrali li l-IAEA għandha f'dan ir-rigward kif ukoll il-kontribut sinifikanti tal-UE, inkluż permezz tal-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u d-*Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/656 tad-19 ta' Frar 2024 dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fil-qasam tas-sigurtà nukleari*.
37. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati kollha li għadhom ma għamlux dan biex jaderixxu mal-**konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari**, inkluż il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda tagħha u l-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari, u strumenti oħra bħall-Kodiċi ta' Kondotta tal-IAEA dwar is-Sikurezza u s-Sigurtà ta' Sorsi Radjuattivi. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu kontinwament is-sikurezza u s-sigurtà nukleari għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġija ġdida għaċ-ċiklu sħiħ tal-fjuwil, inkluż dawk relatati mal-kunċetti ta' **reatturi modulari żgħar**. Peress li xi pajjiżi sħab jagħżlu l-enerġija nukleari, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jkomplu jiġu promossi u appoġġati l-ogħla standards ta' sikurezza nukleari, ambjentali u ta' trasparenza, reġjonalment, fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri tal-UE, u globalment.

38. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' **attakki armati kontra faċilitajiet nukleari** ddedikati għal finijiet paċifiċi, ifakkar fl-importanza li jiġu rrispettati s-seba' pilastru tal-IAEA biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà nukleari f'konflitti armati, u jappella lill-Istati biex iżommu lura minn tali azzjonijiet, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Il-Kunsill jenfasizza d-diffikultà tal-implimentazzjoni tas-salvagwardji nukleari u tal-verifika tad-devjazzjoni ta' materjali nukleari f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat u r-riskji konsegwenti għall-proliferazzjoni nukleari. Aħna nieħdu nota tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Konferenza Ġenerali tal-IAEA rigward attacchi armati kontra faċilitajiet nukleari ddedikati għal finijiet paċifiċi, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU, il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-Protokollu Addizzjonali tagħhom.
39. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar **ir-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna**. Huwa jfakkar fl-importanza li jiġu rrispettati s-seba' pilastru tal-IAEA għall-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari f'konflitti armati kif ukoll il-ħames prinċipji tagħha għall-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fiż-ZNPP tal-Ukrajna. Kwalunkwe bidu mill-ġdid potenzjali futur tar-reatturi f'dan l-impjant jista' jitqies biss ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà u l-faċilità tkun reġgħet lura għall-kontroll u s-sorveljanza leġittimi tal-awtorità regolatorja kompetenti tal-Ukrajna. Kwalunkwe tentattiv biex dan l-impjant jiġi konness mal-grilja tal-enerġija tar-Russja huwa inaċċettabbli u jkompli jaggrava r-riskji diġà serji għas-sikurezza nukleari. Il-Kunsill jikkonferma l-appoġġ qawwi tiegħu għall-missjonijiet tal-IAEA fil-faċilitajiet nukleari kollha tal-Ukrajna, kif ukoll il-monitoraġġ li twettaq fis-substazzjonijiet elettriċi. L-UE tteġġeg lir-Russja biex toqgħod lura milli twettaq attacchi fuq din l-infrastruttura, li jikkostitwixxu theddida serja għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari.